- Sr Mary Shea **€200**
- Mr Boniface Mutua **€350**
- Fr Peter Guerini **€240**
- Isqof Rudolph Deng **€500**
- (Sudan t'Isfel) Sr Irene Balzan **€2,000**
- Sr Dorothy Dickenson **€500**
- Bukumbi Leprosy Centre **€2,000**
- Fr Anselme Somda **€500**
- Bro Teo Dragada **€2,500**
- Intenżjonijiet tal-Quddies **€14,000**

**€486,552.00**



# OSSIĠNU FIT-TANŻANIJA u issa fl-Albanija

**Tektraco hija kumpanija żgħira li twieldet 25 sena ilu, bi tlett impjegati biss. Illum il-kumpanija timpjega 20 ruħ, li l-maġġor parti huma ‘inġiniera u tekniċi’ li jaħdmu fi tlett setturi, li huma kollha relatati mat-teknoloġija u x-xjenza.**

Tektraco għamlet diversi proġetti infrastrutturali sew f’Malta kif ukoll fil-Libja, iżda meta il-pedamenti tal-kumpanija kienu stabbiliti d-diretturi adottaw sistema li l-qliegħ igawdu minnu sew l-impjegati kif ukoll dawk li huma wisq anqas ixxurtjati u li jgħixu fil-faqar u l-miżerja madwar id-dinja.

Matul is-snin kien hemm diversi djar tat-tfal u organizzazjonijiet li jgħinu lil fqar li gawdew minn għajnuna finanzjarja. Iżda ħames snin ilu din il-kumpanija stabbilixit relazzjoni mill-qrib mal-Mission Fund għaliex xtaqet twettaq proġett tanġibbli ġewwa l-isptar ta’ Makiungu, it-Tanżanija.

Dan il-proġett kien jikkonsisti f’sistema kompleta għall-produzzjoni u distribuzzjoni tal-ossiġnu madwar l-isptar kollu. Dan twettaq fis-sajf tal-2011, bl-għajnuna tal-voluntiera tal-Mission Fund, taħt is-superviżjoni ta’ esperti mill-kumpanija Tektraco. Permezz ta’ dan il-proġett, illum il-pazjenti għandhom l-ossiġnu kontinwu fuq is-sodda u dan ifisser ħafna inqas tbatija għall-pazjenti ta’ dan l-isptar, u fejqan aktar malajr.

Din is-sena il-kumpanija qiegħda tiċċelebra 25 sena mit-twaqqif tagħha u għalhekk Tektraco, wara konsultazzjoni mal-Mission Fund, daħlet għall-proġett ieħor - din id-darba ġewwa l-Albanija.

Dan il-proġett huwa għal dar tat-tfal foqra fl-Albanija li huwa mmexxi mill-Caritas tal-lokal. Il-proġett jikkonsisti fil-provvediment u stallazzjoni ta’ pannelli solari, sabiex titnaqqas l-ispiża tad-dawl u b’hekk it-tmexxija ta’ din id-dar, li tagħmel tant ġid, tkun aktar sostenibbli.

Waqt l-ewwel żjara tad-diretturi ta’ Tektraco ġewwa l-Albanija f’Marzu 2015 huma ltaqgħu mal-Isqof Mons Ġorġ Frendo O.P. li kien strumentali fl-introduzzjoni ta’ dan il-proġett.










# Home Insurance

Make sure you are in safe hands

GasanMamo
INSURANCE
*We're always there*

Head Office: Msida Road, Gzira GZR 1405, Malta | Tel: 21 345 123 Fax: 21 345 377 | insurance@gasanmamo.com

**gasanmamo.com**

GasanMamo Insurance is authorized by the MFSA

FR LONNIE BORG MSSP

# META T-TRIQ mhix lixxa






Il-ħidma missjunarja hija l-espressjoni ħajja tal-imħabba tal-Mulej lejna. Dan hu tassew veru għaliex ħassejtu matul is-snin li għamilt ġewwa l-missjoni. Bħal kull vjaġġ, it-triq mhix waħda faċli, mhix dejjem lixxa. Kif jgħidilna l-Appostlu Missierna San Pawl, hu bil-qawwa tal-fidi li aħna rridu ngħixu ħajjitna bħal tellieqa sal-aħħar. Aħna għandna lil Alla l-Ħallieq, u nistgħu nduru lejh, f`kull ħin u f`kull mument.

Meta jien wasalt fl-art tal-missjoni ma kienx faċli. Kollox ġdid, lingwa, użanzi, drawwiet u kultura. Pero' emmint li dan kien il-pjan li Alla kellu għalija. Ħassejt ferħ intern li Hu tani s-sejħa missjunarja. Li taqsam ħajtek mal-batut u ma dawk abbandunati mis-soċjetà, iġib xi ħaġa li diffiċli tista' tispjega. Ħaġa li l-Mulej biss jaf jagħtina. Ġewwa l-belt ta' Metro Manila, belt b`popolazzjoni ta' 20 miljun persuna, li kważi nofshom jgħixu f`faqar kbir, tara ħafna kuntrasti jew aħjar kontradizzjonijiet. Kif jista' jkun li ġo pajjiż Nisrani għadek tara tant miżerja frott il-korruzzjoni u nġustizzja? Tara lukandi lussużi u skyscrapers u eluf ta' tfal jorqdu fit-toroq u fl-slums. Sptarijiet first class u nies imutu għaliex m`għandomx mediċini. Għalija din kienet ħaġa iebsa ferm li naċċetta. Din kienet ir-realtà ta' madwari nies fil-bżonn, nies li kienu qed ibatu waqt li s-sinjuri u dawk fil-poter jgħixu bħala rejjiet żgħar.

Kif qal din is-sena l-Papa Franġisku, lil grupp ta' ġurnalisti wara ż-żjara tiegħu f`dan il-pajjiż, "id-diskriminazzjoni hi forma ta' skart. Jiġu mormija l-persuni. Dan m`għandux ikun." L-akbar dnub ta' żmienna huwa dak tal-indifferenza u l-mondanità. Hi tassew kerha li int tagħlaq qalbek għall-bżonnijiet tal-oħrajn u timxi max-xejra tad-dinja. Din hija ripetizzjoni moderna tal-istorja li nsibu fl-Evanġelju tas-sinjur u Lazzru l-fqir. Flok timxi fuq il-passi ta' Kristu, timxi skond dak li jaqbel lilek. Veru li t-triq ta' Kristu mhix waħda lixxa jew faċli, pero' ma ninsewx li Hu stess jgħinna b'imħabba tar-Ragħaj it-tajjeb. Hu biss jimlilna dak il-vojt li nħossu u jqawwina.



Diversi drabi ltqajt ma' nies jibku speċjalment wara xi ġrajja iebsa jew diżastri naturali bħal terremot jew xi urugan. Quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn, il-kliem ma jfissru xejn. Meta huma jibku jien nibki magħhom. Dawn kienu xi wħud mill-mumenti qawwija li għaddejt minnhom. Pero' n-nies Filippini tawni lezzjoni. Anke meta jitilfu kollox, u jaraw kollox jaqa' huma jemmnu fil-qawwa tat-talb. Kif qaltli waħda mara "t-talb tagħna hu aktar qawwi mill-katastrofi li ngħaddu minnhom." Huma nies li jħarsu 'l quddiem b`kuraġġ u fiduċja. Lesti jibdew mill-ġdid.

Nagħlaq billi nagħmel appell, komplu itolbu għall-missjonijiet. Ftakru f`dak li qalilna Ġesù stess, "dak li tagħmlu mal-iżgħar fost ħuti, tagħmluh lili."



idħol fis-sit uffiċċjali tagħna
**www.missionfund.org.mt**




# benefattur/sostenitur

## ...inti wkoll tista' tgħin

**€35 fis-sena** biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi eċċ għal tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€35 fis-sena** biex titma tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€45 fis-sena** biex timpjega katekista għal sena.

**€55 fis-sena** biex tipprovdi edukazzjoni bħala boarder lil tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€115 fis-sena** biex timmedika pazjent tat-T.B.

**€235 fis-sena** biex titma u tmantni familja sħiħa f'artijiet tal-missjoni għal sena.

**€500 fis-sena** biex jitħaffer bir għall-ilma.

ISEM U KONJOM:

INDIRIZZ:

KODIĊI POSTALI: TEL: MOBILE:

EMAIL:

**Jien, hawn taħt iffirmat/a, inwiegħed is-somma indikata minni hawn fuq kull sena, u jekk għal xi sena partikolari ninsa nħallas, nitlob lill-Mission Fund biex tfakkarni billi tibgħatli nota.**

FIRMA DATA

NOTA: Jekk xi ħadd, pereżempju, jixtieq jagħti donazzjoni ta' €100 fis-sena jista' jimmarka ż-żewġ kaxxi tal-€45 u tal-55.

REG. No: vo/0015

polidano press ltd

for a quotation kindly call us on
**tel: 2122 7888**
or e-mail: info@pplmalta.com




**small & large quantities**

from a **business card**
to a **large format poster**



**www.pplmalta.com**





FILIPPINI

# ĦNIENA u Kompassjoni

Tisimgħu ħafna fuq il-Filippini għax taraw fuq it-televixin dokumentarji. Imma ngħidilkom s-sewwa naħseb li tafu ftit jew xejn mir-realtà ta' dan il-pajjiż li għandu 7 t'elef gżejjer, b'popolazzjoni ta' 93 miljun u 90 lingwa uffiċċjali, barra d-djaletti. Il-Filippini hu pajjiż fejn il-ħanin Alla libsu bi ġmiel tan-natura hekk sabiħa li jgħatti l-istess miżerja li miljuni jgħixu fih. Pajjiż fqir għall-aħħar u aktar ma hu fqir aktar għandu l-elementi tan-natura kontra tiegħu f'dawk li huma typhoons li jwasslu għal 26 wieħed kull sena. Fil-lvant tal-Filippini fl-oċean hemm dak hi hu msejjaħ 'the ring of fire' li xogħlu hu li joħloq tsunami, terremoti fil-baħar u ċikkluni. Dan hu xogħol in-natura imma ħej kemm ikollu jbati iżjed dan il-poplu, li t-tjubija fih tispikka tant fih.

Ħa ngħidilkom ftit fuq dak li nagħmel jien fil-ħidma missjunarja qalb dan il-poplu. Issa ili aktar minn 9 snin ma' dan il-poplu hekk ġwejjed u umli. Poplu li għallimni nemmen iżjed f'Alla. Għallimni sabiex ngħix mhux għal għada imma għall-jum tallum bħall-Evanġelju. Mhux biss komplejt insaħħaħ it-tama tiegħi fil-providenza, imma l-fidi tiegħi ġiet imsoqqija mill-vera fidi tagħhom li qatt ma warrbu milli jitolbu jew li jistqarru l-fidi tagħhom f'mumenti ta' saram u tbatija. Din it-tbatija tinkludi fiha aċċidenti, mwiet u katastrofi naturali.

Kristu jgħidilna li dak li tagħmlu ma' xulxin tkunu qegħdin tagħmluh miegħi. Kemm hu sabiħ u veru dan il-kliem meta tgħaddi minnu bil-fatti f'ħajtek stess, għax meta kont bil-ġuħ tmajtni, kont bil-għatx sqejtni, kont fil-bżonn u int kont hemm. Dawn huma versi tal-Evanġelju li jien b'kull umiltà ngħid li wettaqthom kif ikkmandani l-Mulej Ġesù.

Nistaqsi ftit l-ommijiet u ngħidilhom kieku ibnek jew bintek tgħidlek "ma għandi l-ġuħ" jew "għandi l-għatx" int x'tagħmel? Ħafna tfal, żgħażagħ, ġenituri u anzjani ma jiġux u jgħiduli għandi l-ġuħ, imma iżjed jgħiduli "Padi gutom na" jiġifieri "Father jien bil-ġuħ u bil-għatx" flimkien ma' mitt weġgħa oħra għax m'għandhomx flus biex iħallsu l-miżata tat-tfal għall-iskola jew għall-mediċini jew biex jagħmlu tebut meta wkoll ma jsirx xi funeral mingħajr talb u quddiesa għax jistħu jiġu u jgħiduli li ma jistgħux iħallsu l-istipendju tal-funeral.

Il-Filippini hu msaħħaħ fil-mixja tal-fidi tiegħu sa' mill-bidu taż-żmien li l-Papiet bdew joħorġu mill-Vatikan. Fil-fatt, ġa l-Papa Pawlu VI għamel l-ewwel żjara tiegħu kif hekk kompla għaż-żewġ żjarat tal-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II segwita mill-Papa Benedittu XVI u issa f'Jannar li għadda mill-Papa Franġisku. Il-motto ta' din iż-żjara kien: ħniena u kompassjoni. Papa Franġisku ried li barra laqgħat uffiċċjali jkollu laqgħat oħra mal-foqra u dawn dejjem ikunu mistiedna għall-ikel miegħu. Fil-fatt għamel żjajjar mhux uffiċċjali f'orfanatrofji, street children, slums areas, familji foqra l-aktar dawk milquta bit-*typhoon* Yolanda f'Diċembru 2013. Dan it-typhoon bla ħniena sar fiċ-ċentru tal-Visayas fejn qered, kisser, qatel eluf ta' persuni u annimali u dak kollu li sab quddiemu. Jien kont f'din iż-żona għal sentejn u għalhekk ħassejt iżjed għax tlift ħafna ħbieb u familji li ħdimna flimkien. Jien mort u żort dak li kien fadal wara t-typhoon fejn ma stajt nagħraf xejn għax kollox kien frak u l-igsma għadhom midfunin ħajjin taħt kollox, iġsma oħra mpoggieha fil-ftuħ għad-difna kollettiva minħabba l-mard li seta' jinqala. Mort f'żona fejn jien bil-ħniena t'Alla kont

bnejt xi djar għal diversi familja, x'taħsbu li sibt? Ma sibt xejn imma kollox miknus bil-mewġa tal-mewt ta' tsunami. Waqaft hemm, issummajt, iċċassat, bla kliem u bla demgħa. Ħassejt id-demm jiksaħ, qalbi tieqaf, u bħal dalma quddiem għajnejja meta f'widnejja ħassejt leħen li qiegħed jgħajjat "Padi padi" jigifieri "Father, Father". Donnu kien leħen li nafu u li għaraft dik il-vuċi hekk kif dik il-persuna ġiet fuqi tgħannaqni u tibki. Bħal qisu qomt minn raqda. U rajt raġel u mara jibku fuqi. Għarafthom mill-ewwel u griżmejja intlew bid-demm, għajnejja bid-dmugħ, f'qalbi ħassejt żgur wieħed mill-istalletti tal-Madonna taħt is-salib ta' Binha Ġesù. Ħadd ma' felaħ jgħid kelma, ħadd ma' seta' jieqaf mill-biki, ħadd ma' staqsa xejn għax dak is-skiet kien fih ir-risposti kollha. Skiet li juri li dawn tilfu kollox, tilfu d-dar, tilfu kull ħaġa li kienu qegħdin jibnu ħajjithom flimkien għall-futur ta' uliedhom. Ma staqsejthomx fejn huma t-tfal għax fhimt li l-ħamsa li huma marru għand il-Mulej. X'kefrija ta' ħajja, xi tbatija! Imbagħad qgħadna bil-qiegħda fejn kienet id-dar tagħhom u li issa kienet biss ħamrija. Dak il-ħin b'dak li qaluli ħasduni fil-fidi meta qaluli: "Father let's pray and sing the Our Father". X'fidi soda hi din. Dawn huma dawk li bnew fuq il-blat u d-dar tkissret u uliedhom għaddew għall-ġenna, imma huma ma tfarkux għax bnew fuq il-Mulej.

Int li llum qiegħed taqra dawn il-fatti fil-missjoni tiegħi ġewwa l-Filippini la tgħidx sempliċiment jaħasra kemm ibatu imma int tista' mhux biss ittaffi xi ftit tbatija imma tista' wkoll tagħti ħajja ġdida lil xi familja jew tgħin bil-karità qaddisa tiegħek bit-talb u b'donazzjonijiet lill-Mission Fund ħalli jkomplu jgħinu lill -missjunarji Maltin imxerrda mad-dinja kollha. Jien nitma 500 tifel u tifla fil-ġimgħa, nħallas għexieren ta' miżati għall-edukazzjoni fis-sena, inqassam tant u tant mediċini għall-anzjani u għat-trabi li ġa ta' tlett xhur iridu jibdew jitrejqu għall-ħajjithom biex jgħixu bir-ross minflok bil-ħalib u xi ngħid għal tant ġenituri li jiġi jibku għax m'għandhom xejn x'jitimgħu l'uliedhom!

Int għażiż ħija u int għażiża oħti għid dejjem grazzi l'Alla tal-ħniena u għall-providenza Tiegħu fuqek. Imma tieqafx hawn iżda ibda għin bis-serjetà lil dawk li int bħalissa qiegħed tgħidilhom jaħasra, imsieken.

*Fr John Muscat OFM*



DURAVIT






CREATIONS
The ultimate in Bathroom elegance

Liland Buildings, Mdina Road, Attard ATD9036
Tel: 21 411541; 21 417616 Fax: 21 419131
www.creationsomni.com - info@creationsomni.com

KENJA

# FERĦ LI MLIELI *qalbi*



L-esperjenza tiegħi fil-Kenja bdiet mal-Mission Fund fl-2006. Għamilna xogħol fi skola fid-djoċesi ta' Isqof Malti, Mons Frans Baldaċċhino OFMCap. Din ix-xewqa kien ilha f'moħħi, iżda ħsibt fuqha meta tkellimt ma' Frans Scicluna, membru tal-Mission Fund. Hu kien jiġi fil-ħanut tiegħi u ta' ħuti u jitlobna xi għodda biex tintuża fil-missjoni. Dejjem tajnih milli stajna, imma darba għidtlu li mhux għodda biss nixtieq nagħti, imma li niġi jien personali. Qalli li għal dik is-sena l-grupp huwa magħqud, però darba oħra meta jasal iż-żmien għall-voluntiera ġodda kellu jfakkarni. Fil-fatt hekk kien, għaliex f'Jannar staqsieni għadnix bl-istess ħsieb. Jiena ħsibta ftit u għidtlu li se nagħmel mill-aħjar biex niġi għal-laqgħat, għax il-ħanut kien fih ċertu rabta.

Il-laqgħat bdew jogħġbuni fuq il-ħajja missjunarja fil-Kenja, esperjenzi ta' oħrajn li marru ħafna drabi u fuq attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Laqgħat oħra kienu fuq il-formazzjoni tal-grupp, kif ser ikun possibbli li 21 nisa u rġiel ngħixu flimkien għal ħames ġimgħat f'kundizzjonijiet differenti minn Malta. Il-laqgħat kienu jitmexxew b'ċertu ordni, b'aġenda, jinżammu l-minuti, u trasparenza fil-ġbir tal-flus. Il-voluntiera li kienu għamlu l-esperjenza qabel dehru dħulin, u aħna l-ġodda li konna xi tnax, nirsistu f'attivitajiet u ġbir ta' bosta ħtiġijiet li bagħtnihom f'kontejner mimli daqs bajda. L-esperjenza kellha tkun bejn Lulju u Awwissu u ntbagħtu flus biex isiru l-pedamenti, jinxtara l-materjal għall-bini u jitħejja l-post fejn ser norqdu.

Il-ġurnata waslet u bil-għajnuna t'Alla wasalna l-Kenja. Kellna vjaġġ ieħor ta' 15-il siegħa bil-karozza biex naslu Mpeketoni fi skola Bakanja fejn kellna nagħmlu proġett. Il-post laqgħani mill-ewwel, żona pjanura bis-sigar, safja minn kull tniġġiż li ġiet żvilluppata minn ġungla mis-snin sittin l'hawn. In-nies dħulin għall-aħħar, it-tfal fihom l-aktar gost ixejjru lil kulħadd, u jkellmuna bi ftit Ingliż li jafu. Fil-post laqgħana s-Sur Gejtu Decelis, Malti tal-MUSEUM li kien ilu hemm 20 sena. Dan kellu jurina x-xogħol u jieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħna f'dawk il-ħames ġimgħat.

Ix-xogħol kien jikkonsisti f'bini ta' blokka, b'sular wieħed, imqassam f'reception hall, librerija, uffiċini amministrattivi, toilets u kċina żgħira. Ma' dan sar tħaffir ta' septic tank, stallazzjoni tad-dawl u l-ilma, madum u xogħol ieħor f'laboratorju eżistenti. Sibna xi xogħol avvanzat mill-ħaddiema tal-post, però komplejna naħdmu flimkien b'ċertu kordinazzjoni. Xi voluntiera setgħu jagħtu lezzjonijiet tal-Ingliż, tal-kompjuter u tal-ħjata. Oħrajn għamlu xogħol ta' manutenzjoni. Gejtu kien strumentali ħafna biex flimkien magħna sabiex insolvu diffikultajiet u ntietef li jinqalgħu, u b'hekk kollox mexa ħarir. Dan ix-xogħol lestejnieh kollu u tħallas mill-Mission Fund. Grazzi lill-benefatturi.

Dan ix-xogħol għamilnih bi pjaċir tant li ħames ġimgħat taru, però l-esperjenza fiha pjaċir ieħor, dak soċjali, umanitarju u ta' solidarjetà. Fil-ħin ta' wara x-xogħol stajna nżuru familji fil-qrib. Il-mod kif laqgħuna, s-sempliċità mħallta mal-faqar iżda bil-ferħ fuq wiċċhom, ma tistax tispjegah. Dawn huma nies neqsin minn kull kumdità, però

kuntenti bil-ftit li għandhom. Kull ħaġa li jakkwistaw hija xi ħaġa kbira u jqisuha bħala żieda, u l-ferħ tagħhom jgħaddi fuq dawk li qed jgħinuhom. Dan il-ferħ u din l-esperjenza ġibtha miegħi Malta stampata f'moħħi. Madanakollu minħabba x-xogħol tiegħi fil-ħanut, esperjenza oħra f'dak iż-żmien ma kienitx possibbli. Fil-fatt is-sena ta' wara ma stajtx immur il-Gwatemala mal-Mission Fund, però Alla għaddieni minn triq oħra.



Xtaqt ħafna li nsib soluzzjoni u tkellimt ma' xi nies fuq hekk. Fost dawn tkellimt ma' Walter Vigar klijent tagħna, li offrieli li lest li jiġi miegħi fi żmien ieħor li kien tajjeb għalija. Dan is-suġġeriment għoġobni u tkellimt mal-'Mission Fund', li offrew l-għajnuna tagħhom u ddeċidejna li mmorru f'April. Għamilna il-preparamenti tagħna u rranġajna li fil-bidu t'April 2008 immorru fl-istess skola Bakanja li ħdimt fiha sentejn qabel. Fil-fatt hekk kien, għamilna xogħol ta' manutenzjoni, żebgħa, tiswijja ta' tankijiet, mwejjed u siġġijiet. Dorna wkoll xi bżonnijiet fil-klassijiet u fil-canteen li fih kienu jieklu madwar 300 student.

Xi studenti kienu qed jirċievu flus minn benefatturi Maltin bħala għajnuna fil-miżata tal-iskola. Dawn sibnihom ta' għajnuna fix-xogħol u jaħdmu f'dak li kellna bżonn, u filgħaxija kienu jieklu magħna xi platt spagetti biz-zalza. Dawn introduċewna mal-ġirien fid-djar u l-għelieqi tagħhom, u sirna nafu ħafna nies u għamilna xi ħbieb. Bħas-soltu l-ġranet gerbu malajr, iżda wegħdnihom li sena oħra nerġgħu mmorru.

Is-sena ta' wara żammejna l-wegħda u erġajna morna, din id-darba żidna żewġ ħbieb oħra u ġejna erbgħa. Ħdimna fi skola oħra differenti għat-tfal żgħar. Din kellha bżonn xogħol ta' manutenzjoni, tindif u żebgħa. Però minn hawn moħħna beda jewden fuq affarijiet oħra. Bdejna ninnotaw li għalkemm ix-xita kienet skarsa u n-nixfa tidher sew, is-siġar kienu ffullati b'weraq aħdar anke dawk kbar tal-mango. Dan ifisser li s-siġar qed isibu ilma aktar fil-fond. Komplejna naħsbu u nindagaw u sibna xi bjar fl-iskola u fil-knisja li kienu fondi minn 10 sa 12-il metru. Dawn ma kienux bjar kif nafu aħna iżda huma spiera. Huma ħofor fil-fond ta' xi qama' dijametru



sakemm jintlaħaq l-ilma ċar tajjeb għax-xorb. Komplejna nitkixxfu u sibna n-nies tal-lokal li jagħmlu dan it-tħaffir. Qbilna fuq is-somma ta' bejn 400 u 500 ewro kull bir li jlestu. Il-postijiet fejn ser jitħaffru dawn il-bjar għażilnihom aħna f'passaġġi li jgħaddu ħafna nies biex il-bjar jintlaħħqu minn kullħadd. Dan ix-xogħol irnexxa ħafna għax ilqatna l-musmar fuq rasu. In-nies qed jiffrankaw il-mixi għall-ilma u qed jirnexxielhom ikabbru xi prodott tul is-sena kollha. Id-differenza li qed jagħmlu dawn il-bjar hija kbira u effettiva ħafna.

Fis-snin ta' wara dan ix-xogħol baqa' għaddej u ġew magħna nies oħra fosthom scouts. Però fl-2012 tfaċċat sfida oħra. Kien jum l-Għid u wara l-quddiesa rajna tifel jitkaxxkar mal-art biex ikellem lill-qassis. Dan kien jismu Paul u kien ma' tfal oħra bi bżonnijiet speċjali u ma' mara li kienet tieħu ħsiebhom. Tkellimna magħhom u qalulna li kienu grupp ta' helpers jisimhom "Shalom" li jieħdu ħsieb tfal bi bżonnijiet speċjali u jiltaqgħu fejn l-iskola ta' Bakanja. L-għada morna nżuruhom u ħadna xi ġugarelli u ħelu magħna. Staġibna mhux ftit meta sibna xi għaxart itfal bi bżonnijiet serji ġo żewġ kmamar żgħar bla faċilitajiet ta' xejn. Quddiem dawn il-kmamar kien hemm fliskatur, barmil u buqar tal-plastik u borma fuq tlett ġebliet u xejn aktar. Maria qaltilna li lil dawn it-tfal tieħu ħsiebhom mara anzjana għax huma jmorru jaħdmu biex iġibu xi ftit flus. Is-sid tal-art kien qed jitlobhom biex jixtru l-art għax ma setgħax jibqa' jżommhom b'xejn. Aktar tard huma xtraw biċċa minn din l-art u aħna wegħdnihom li fuq din l-art ser nibnulhom post diċenti.

Meta ġejna Malta ħsibna fuq din l-isfida u għamilna pjanti bi kmamar fejn jorqdu, fejn jilgħabu u jitgħallmu, klinika żgħira, kċina u faċilitajiet igeniċi. F'April tal-2013 morna ħerqana biex nibdew il-proġett. Ħdimna ma' kuntrattur tal-lokal u sar ħafna xogħol kif kien ippjanat, però waqafna ftit għax il-flus allokati spiċċaw. Sadanittant is-sena l-oħra faddalna ftit flus minn donazzjonijiet mogħtija minn benefatturi u minn attivitajiet li organizzajna, kif ukoll għajnuna siewja mill-Mission Fund. B'hekk stajna nkomplu x-xogħol ta' kostruzzjoni u ordnajna l-bibien u twieqi tal-injam. B'għajnuna t'Alla din is-sena erġajna morna u lestejna l-kmamar, il-kċina u l-bathrooms minn kollox. Għalkemm għad baqa' xi xogħol biex isir dawn it-tfal setgħu jidħlu ġo dan il-post b'dinjità ta' nies li jixirqilhom. Dan kollu għamilnih bil-ferħ u biex innaqsu xi ftit mit-tbatija tal-ħajja lil dawn it-tfal. Grazzi lil Alla tal-għajnuna għax f'dawn il-postijiet xejn m'huwa faċli.

Nirringrazzja lil Mission Fund tal-esperjenzi sbieħ ta' voluntarjat li jien dejjem xtaqt sa minn meta kont tifel. Nixtieq nuri l-apprezzament tal-fiduċja li dejjem urew miegħi u li dejjem kelli tweġiba għal kull bżonn. Nirringrazzja lil benefatturi tagħna u tal-Mission Fund.

Alla żgur li jbierek il-qalb tajba u ġeneruża tal-Maltin u l-Għawdxin kollha, li dejjem lesti sabiex jgħinu lil dawk fil-bżonn. Nixtieqilhom ferħ li jimlilhom qalbhom.

*JOHN ZAMMIT*



# OFFERTI VANTAGJUZI MINN GHAND il- PAVI SHOPPING COMPLEX!!

- Jintrebhu ***€1000 f'cash*** kuljum bejn it-Tnejn u l-Hamis - biljett ma kull xirja ta' €33
- Pakkett ilma kbir tal-PAVI b'xejn ma' kull xirja ta' €33 nhar ta' Tnejn, Erbgha u Hamis
- 200 punt zejda ma kull xirja ta' €50 kull nhar ta' Tlieta
- U aktar!!



PAVI SHOPPING COMPLEX

SIMPLY MARKET Semplice la vita

pavi.com.mt



# MISSJUNARJI TAL-KARITÀ fl-Art Imqaddsa



L-Art Imqaddsa hi art ta' missjoni b'mod speċjali. Qabel xejn hi l-post fejn eluf ta' nsara jmorru jżuru s-Santwarji tal-Fidwa, bosta minnhom imħarsin mill-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Imbagħad hi wkoll post fejn jgħixu diversi nsara li huma membri ta' Knejjes differenti. Il-preżenza ta' dawn l-insara hi importanti għax torbotna mal-ewwel komunità Kristjana ta' Ġerusalemm, omm il-Knejjes kollha.

Fit-toroq dojoq tal-Kwartier Kristjan tal-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm, l-aktar fl-isqaqien fejn igħixu l-Kattoliċi tal-parroċċa Franġiskana ta' San Salvatur, ta' spiss tiltaqa' mal-Missjunarji tal-Karità, jew kif nafuhom aħjar, is-Sorijiet ta' Madre Tereża, mexjin tnejn tnejn biex iżuru l-familji u jaqdu lill-foqra u l-morda tal-Kwartier. L-istess Sorijiet ta' spiss jiġu jitolbu kmieni filgħodu fil-Qabar ta' Kristu u fuq il-Kalvarju. Għandhom kunvent ċkejken fil-qalba tal-Kwartier Kristjan. Fl-Art Imqaddsa huma preżenti mhux biss f'Ġerusalemm, imma wkoll f'Betleħem, Nablus, Gaża, u f'Amman fil-Ġordanja.

Jiena ta' spiss niltaqa' ma' dawn is-Sorijiet fil-ministeru tiegħi fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Darbtejn fix-xahar inqatta' nofs

ta' nhar magħhom fil-kappella tad-dar tagħhom biex niċċelebra l-Quddiesa u s-sagrament tal-maħfra. Ix-xhieda tagħhom hi waħda mill-aktar eżemplari. Jgħixu ritmu ta' impenn favur il-foqra imma fl-istess ħin jiddedikaw siegħat għat-talb komunitarju u għall-adorazzjoni ewkaristika.

Meta tlabthom biex nieħdu ritratt flimkien ħalli nippubblikawh aċċettaw, imma b'umiltà kbira. Talbuni biex ninsisti li huma jinsabu f'Ġerusalemm bħala komunità reliġjuża biex jgħixu l-karżma tagħhom fost il-foqra. Meta ngħidu foqra fl-Art Imqaddsa u Ġerusalemm ma nifhmux biss foqra fis-sens ekonomiku. Hemm faqar aktar serju fit-toroq dojoq tal-parroċċa ta' San Salvatur. Il-faqar tad-droga, tal-familji mifrudin, taż-żgħażagħ bla xogħol. Insomma l-faqar tad-dinja tallum. Is-Sorijiet iżuru l-familji, fis-skiet u l-umiltà, biex jagħtuhom dik il-paċi u kuraġġ li tant għandhom bżonn. Huma jinsistu li mhumiex iġorru fuq spallejhom il-ministeru ta' karità tal-parroċċa Franġiskana, imma fil-fatt hekk hu għax nista' nixhed li mingħajrhom ħafna mill-ħidma karitattiva u pastorali fil-parroċċa mhix possibbli. Huma jieħdu ħsieb iħejju t-tfal għas-sagramenti, u huma qrib tal-ommijiet b'mod speċjali. Is-Sorijiet ta' Madre Tereża f'Ġerusalemm huma ritratt tal-Knisja tal-foqra li tinsab ukoll fl-Art Imqaddsa. Wara l-ħitan tas-Santwarji kbar u sbieħ li jżuru l-pellegrini, tajjeb li jkunu jafu li hemm din ir-realtà wkoll. Realtà ta' komunità nisranija li għandha bżonn il-ħobż tal-Kelma daqskemm għandha bżonn is-servizzi soċjali u edukattivi li toffrilha l-Kustodja Franġiskana bl-għajnuna ta' tant benefatturi mid-dinja kollha. Aħna l-Franġiskani grati lejn il-Missjunarji tal-Karità għax-xhieda siekta u evanġelika tagħhom fl-Art Imqaddsa.

*P. Noel Muscat OFM*
*Bażilika tal-Qabar ta' Kristu - Ġerusalemm*

## FRANĠISKU, Isqof, Qaddej tal-Qaddejja ta' Alla

Lill-Għażiż Ħuna Charles Jude Scicluna, Isqof titulari ta' San Leone, Amministratur Appostoliku tas-Sede Metropolitana ta' Malta, magħżul bħala Arċisqof Metropolita tal-istess Arċidjoċesi, saħħa u l-barka appostolika. Billi hija x-xewqa kbira tagħna, is-Suċċessur ta' San Pietru u r-Ragħaj Suprem tal-Merħla kollha tal-Mulej, li naħtru Ragħaj biex imexxi l-Knisja Metropolitana, antika u magħrufa ta' Malta, li sfat vakanti bir-rinunzja tal-EċċellenzaTiegħu Monsinjur Pawlu Cremona O.P., inti, għażiż ħuna, li, mogħni b'doni mseddqa u espert fl-oqsma Ekkleżjastiċi, fit-Teoloġija u fid-Dritt Kanoniku, l-ewwel ħdimt b'ħila u għerf fil-Kurja Rumana, imbagħad kont Isqof Awżiljarju tal-istess Djoċesi u issa inti tamministraha, inti meqjus sew bħala idoneu li treġiha. Għalhekk, wara li smajna l-parir tal-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, bl-Awtorità Appostolika tagħna, waqt li nħollok mir-rabta mas-Sede titulari ta' San Leone u mill-ħidma pastorali imsemmija, ninnominawk Arċisqof Metropolita ta' Malta bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha. Nordnaw li din l-Ittra tkun mgħarrfa lill-Kleru u lill-Poplu tal-Istess Sede u neżortawhom biex jilqgħuk bil-qalb u li jibqgħu magħqudin miegħek. J'Alla, għażiż Ħuna, li megħjun mid-Doni tal-Ispirtu Paraklitu, lill-Insara Fidili afdati lilek tkun tista' tfakkarhom fil-kliem ta' San Pawl Appostlu, li, kif żgur taf, għex għal żmien f'Malta:



"Mill-bqija, ħuti, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidlkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla tal-imħabba u s-sliem ikun magħkom" (2 Kor 13,11). Il-Grazzja tal-Mulej, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, tkun dejjem miegħek u ma' din il-Komunità Ekkleżjali Maltija tant għażiża għalina. Mogħtija f'Ruma, minn San Pietru, illum is-sebgħa u għoxrin jum tax-xahar ta' Frar tas-Sena tal-Mulej elfejn u ħmistax, it-tieni tal-Pontifikat tagħna.

Franciscus




ZARA

No 1, Tower Road , Sliema
T: +356 22582900
F: +356 22582960

www.facebook.com/zaramalta
www.zara.com
info@zaramalta.com

JOHN SAMMUT

# MILL-ĦAJJA tal-Mission Fund

Matul l-2014 il-Mission Fund qassmet kważi nofs miljun ewro f'donazzjonijiet lill-missjunarji Maltin u Għawdxin. Dawn il-fondi ntużaw għal diversi skopijiet għax-xogħol pastorali, għat-tmexxija ta' skejjel, orfanatrofji, kliniċi u ċentri għall-anzjani kif ukoll għax-xiri ta' affarijiet bażiċi, mediċini u bżonnijiet edukattivi. Barra minn hekk, permezz ta' dawn il-fondi nbnew ukoll numru ta' proġetti, fosthom bini ta' dormitorju f'kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Maharo, l-Indja u tħaffir ta' bjar u boreholes fil-Kenja, l-Etjopja u s-Sudan t'Isfel. Dawn il-proġetti ma kienux ikunu possibbli li kieku ma kienitx il-ġenerożità kbira tagħkom kull meta ġew organizzati attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Id-dħul minn dawn l-attivitajiet kienu hekk:

**JANNAR:**
BUFFET BREAKFAST fid-Danish Village, Mellieħa: **€2,653**

**FRAR:**
TEA TOMBOLA fis-Sala Parrokkjali ta' Pembroke: **€565**

**MARZU:**
BUFFET LUNCH fil-Canifor Hotel, Qawra: **€510**
PASTA NIGHT fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun: **€1,110**

**MEJJU:**
BUFFET LUNCH f'Il Magazino, Valletta Waterfront: **€2,187**
TEA TOMBOLA fl-Imperial Hotel, Sliema: **€877**

**ĠUNJU:**
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra: **€2,630**

**LULJU:**
ĦARĠA F'GĦAWDEX: **€560**

**SETTEMBRU:**
LOTTERIJA GRANDJUŻA: **€16,007**

**NOVEMBRU:**
BUFFET BREAKFAST f'San Antonio Hotel, Qawra: **€3,411**
TEA TOMBOLA fl-Imperial Hotel, Qawra: **€893**
Bejgħ ta' pjanti f'garaxx il-Mosta: **€320**

**DIĊEMBRU:**
CHRISTMAS BUFFET Dinner f'San Antonio Hotel, Qawra: **€1,173**
Matul is-sena kollha: Bejgħ ta' oġġetti f'garaxx B'Kara: **€9,824**



## DONAZZJONI MILL-MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin reġa' sostna l-impenn annwali tiegħu li jappoġġja finanzjarjament organizzazzjonijiet mis-soċjetà ċivili sabiex jimplimentaw proġetti f'pajjiżi li huma eleġibbli għal għajuna finanzjarja. Dan il-finanzjament huwa parti min-nefqa totali li Malta tiddedika kull sena għall-proġetti f'diversi oqsma ta' żvilupp u assistenza umanitarja bħala parti mill-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (Official Development Assistance).

Għal dan il-għan, ġew imqassma fondi lil għoxrin organizzazzjoni volontarja sabiex iwettqu proġetti f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fl-Afrika, l-Asja u l-Amerika Latina. Il-Mission Fund ġiet mogħtija s-somma ta' € 22,500 b'risq il-proġett ta' bini tat-tieni sular ta' dormitorju għat-tfajliet studenti ta' St Xavier College, f'Maħaro, l-Indja, li huwa mmexxi mill-Ġiżwiti.

Matul il-preżentazzjoni tal-fondi li saret fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Dr George Vella faħħar l-impenn u d-dedikazzjoni tal-għaqdiet mhux governattivi fix-xogħol tagħhom man-nies tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw.



## MARATONA F'XARABANK

Waqt il-programm popolari Xarabank li xxandar nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2014, saret maratona ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Mission Fund, l-Uffiċċju Missjunarju Pontifiċju u l-Ghana Foundation. Fil-programm intwerew numru ta' filmati dwar il-ħidma li twettqet mill-Mission Fund fil-Kenja u fit-Tanżanija. Bħal dejjem it-telespettaturi wrew il-ġenerożità tagħhom billi offrew donazzjonijiet biex jinxtraw roti li jitħaddmu bl-idejn għall-persuni morda bil-poljo u biex jitħaffru bjar f'pajjiżi fejn hemm problema kbira ta' nuqqas ta' ilma nadif.

Il-fondi li nġabru waqt dan il-programm tqassmu ugwalment bejn it-tlett organizzazzjonijiet. Kull organizzazzjoni tieħu s-somma ta'€175,686.


MAGRI AUTOCARE

Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com




- Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
- Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
- Car wash (by hand) and interior vacuum
- Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components

WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.

Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt

## MARATONA TA' 50 SIEGĦA SNOOKER

Il-Kummissjoni Sport fi ħdan l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam tar-Rabat organizzat maratona ta' snooker b'risq il-Mission Fund mil-Ġimgħa 10 ta' Ottubru sal-Ħadd 12 ta' Ottubru 2014. Il-maratona bdiet b'ċelebrazzjoni Ewkaristika mid-Direttur Spiritwali tal-Mission Fund fil-Knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat. Matul din il-maratona saru diversi attivitajiet biex jinġabru fondi fosthom il-ftuħ mill-players professjonali Alex Borg u Duncan Bezzina, *drum workshop* minn Peter Paul ta' Tribali, attività mill-Girl Guides u Scouts tad-distrett tar-Rabat fil-bitħa tal-każin, ikla kbira fi triq ta' ħdejn il-każin bis-sehem ta' diversi kantanti, show ta' karate, kif ukoll daqq ta' marċi mil-Banda L'Isle Adam quddiem il-Knisja Ta' Ġiezu.



L-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, żaret din il-maratona fejn faħħret l-inizzjattiva tal-voluntiera kollha li ħadu sehem waqt din il-maratona li qed jagħtu ħinhom b'turija ta'mħabba lejn min hu fil-bżonn.

Fl-għeluq tal-maratona tħabbret li s-somma miġbura kienet ta' €20,028, li kienet rekord għal din l-għaqda, li għal dawn l-aħħar ħames snin organizzat attivitajiet simili b'risq organizzazzjonijiet filantropiċi oħra.



## BARBEQUE MILL-KULLEĠĠ SAN INJAZJU FIS-SIĠĠIEWI

Għar-raba' sena konsekuttiva, nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju 2014, is-Surmast Patrick Decelis flimkien mal-istaff kollu tiegħu tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ San Injazju fis-Siġġiewi organizzaw barbeque fil-bitħa tal-iskola b'risq il-Mission Fund. Is-Sur Decelis filwaqt li rringrazzja lil kull min kien preżenti li attendew bi ħġarhom, ippreżenta s-somma ta' € 4,009 lil President tal-Mission Fund Sylvia Ebejer. Minn naħa tagħha is-Sinjorina Ebejer irringrazzjat lill-istaff kollu tal-iskola għas-sehem tagħhom biex din l-attività kienet suċċess.



## JUM DINJI MISSJUNARJU

Fid-19 ta' Ottubru 2014 madwar id-dinja kollha ġie mfakkar il-jum iddedikat lil ħutna l-missjunarji li, skond kif qalilna l-Papa Franġisku "permezz tagħhom qegħdin jitwieldu knejjes ġodda fl-artijiet tal-missjoni". Membri tal-Mission Fund ħadu sehem fl-attivitajiet organizzati mill-Uffiċċju Missjunarju Pontifiċju. Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet kienet iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-kappella tas-Seminarju Arċiveskovili f'Tal-Virtù li xxandret fuq l-istazzjon televiżiv TVM2. Ġie organizzat ukoll forum bit-titolu "Il-Ferħ tal-Missjoni" li għalih ipparteċipaw E.T. Mons. Charles Scicluna, Sr. Pauline Farrugia DSH, Prof. Oliver Friggieri u Fr. John Curmi. Ma naqsitx ukoll il-mixja tradizzjonali li saret il-Ħadd ta' qabel mill-knisja parrokkjali taż-Żurrieq fejn ġiet iċelebrata quddiesa minn Mons Salvinu Micallef sad-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi, fejn ingħatat il-barka sagramentali.

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar il-Ħadd 6 ta' April 2014 fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. Wara li ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena ta' qabel, l-awditur is-Sur Nigel Scerri ppreżenta r-rapport finanzjarju tas-sena 2013. Fl-indirizz tal-President, is-Sinjorina Sylvia Ebejer irringrazzjat lill-benefatturi tal-Mission Fund li permezz tal-ġenerożità kbira tagħhom seta' jsir ħafna ġid lil persuni fil-bżonn. Is-Sur Charles Decelis ta rendikont tal-ħidma li twettqet mill-membri tal-Mission Fund b'risq ħutna l-missjunarji. Is-Sur Joe Mifsud ta dettalji tal-proġetti li saru fil-Kenja li kienu jikkonsistu f'bini ta' dormitorju għall-istudenti fl-Iskola Bakanja, tħaffir ta' bjar komunitarji f'Impeketoni u għajnuna fl-orfanatrofji tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù f'Satellite u Limuru. Is-Sur John Sammut saħaq fuq l-importanza tal-pubblikazzjonijiet u tal-mezzi virtwali biex jikber l-għarfien tal-Mission Fund.

Wara l-ħatra tas-Sur Nigel Scerri bħala awditur intern u tas-Sur Kenneth Swain bħala awditur estern. Il-laqgħa ġiet fi tmiem bl-elezzjoni ta' kumitat ġdid li huwa:

**PRESIDENT:** Sylvia Ebejer
**SEGRETARJU:** Charles Decelis
**TEŻORIER:** Philip Micallef
**VIĊI-PRESIDENT:** Frans Scicluna
**ASSISTENT SEGRETARJU:** Saviour Farrugia (co-opted)
**ASS. TEŻORIER:** Speranza Xuereb
**PRO:** John Sammut
**MEMBRU:** Joe Mifsud



# Lotterija Grandjuża

**1ST PRIZE:** €1000 Voucher for 2 persons Cruise from Malta to Malta
**2ND PRIZE:** €800 Voucher for 2 persons Tour to any European destination
**3RD PRIZE:** Weekend break for 2 persons on All Inclusive Basis at San Antonio Hotel & Spa
**4TH PRIZE:** Acer Aspire Laptop 15.6"
**5TH PRIZE:** Television LED 42"
**6TH PRIZE:** One4All Gift Voucher (Valur €250)
**7TH PRIZE:** Automatic Washing machine 5kgs
**8TH PRIZE:** Weekend break for 2 persons on B&B basis at the Pergola Club Hotel
**9TH PRIZE:** Weekend break for two persons on B&B basis at the Preluna Hotel and Spa
**10TH PRIZE:** Twin Burner Gas B.B.Q.
**11TH PRIZE:** Tool Cabinet & Drawers
**12TH PRIZE:** Andriod Tablet 10.1"
**13TH PRIZE:** Black & Decker Combination set
**14TH PRIZE:** Fujifilm Digital camera + 4GB SD card + pocket
**15TH PRIZE:** One4All Gift Voucher
**16TH PRIZE:** Microwave Oven (Valur €100)
**17TH PRIZE:** Convection Oven
**18TH PRIZE:** Sunday Buffet Lunch for 2 persons at the Horizon Restaurant at the Ramla Bay Resort

Din is-sena ser titla' nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2015 waqt Buffet Breakfast ġewwa San Antonio Hotel and Spa, Qawra

Kull biljett jinbiegħ €0.50 biss. Ibagħtu l-mamma tal-biljetti u l-pagament permezz ta' ċekk jew money order sa mhux aktar tard mit-**22 ta' Settembru 2015**. (Direttur tal-Lottu Pubbliku numru 10/2015)

## Attivitajiet Reliġjużi matul is-sena 2015

**Kull l-ewwel Tlieta**

Quddiesa fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun

Seminar ta' Weekend għall-Voluntieri tal-Mission Fund

Esperjenza Missjunarja fit-Tanżanija

**Niftakru fil-Missjunarji, benefatturi u qraba ħajjin u mejtin. Matul is-sena kollha, il-Mission Fund joffri kull xahar, talb u quddiesa għal dan il-għan. Il-quddies isir fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu' (Ta' Ġieżu), Valletta, fis-6.15 pm:** 5 ta' Ġunju, 3 ta' Lulju, 7 ta' Awwissu, 4 ta' Settembru, 2 ta' Ottubru, 6 ta' Novembru u 4 ta' Diċembru.

### Tqassim tal-Pubblikazzjonijiet

Min jixtieq jgħin fit-tqassim tal-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Mission Fund jista' jċempel l-uffiċċju tagħna fuq 2141 3664

## Wieħed jista' jiddepożita d-donazzjoni tiegħu lill-Mission Fund

**BOV 163 007 980 19**
IBAN MT54 VALL 2201 3000 0000 1630 0798 019
BIC VALLMTMT

**HSBC 061 197 448 050**
IBAN MT14 MMEB 4461 3000 0000 6119 7448 050
BIC MMEBMTMT

**APS 2000 0820 762**
IBAN MT67 APSB 7707 9005 2318 2000 0820 762
BIC APSBMTMT

**BANIF 000 879 631 01**
IBAN MT94 BNIF 1450 2000 0000 0008 7963 101
BIC BNIFMTMT

**LOMBARD 014 408 221 15**
IBAN MT65 LBMA 0500 0000 0000 0144 0822 115
BIC LBMAMTMT

# GARAGE SALE

'ST. JOSEPH' GARAXX,
TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA
(Bieb ma' bieb mal-forn)

Kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa
u l-Ħamis bejn 09.15 am u s-1.00 pm.
Il-Ġimgħa mill-4:15pm sas-7:00pm

Issibu diversi oġġetti
bi prezzijiet
verament irħas

## BOLOL UŻATI

Kull min għandu bolol użati jista' jibagħthom l-uffiċċju biex inbiegħuhom. Il-qligħ kollu jmur b'risq il-missjunarji. Nixtiequ nfakkrukom li m'għadniex naċċettaw aktar telecards.

**MISSION FUND**
**500, Eureka Court, Blk A,**
**Flat 6, Triq il-Kbira**
**Mosta MST 1018**




## BORŻA TA' STUDJU

Tista' toffri waħdek jew flimkien ma' oħrajn l-ammont ta' €600, li titħallas f'darba jew f'perjodu ta' sena għall-kandidati li qed jitħejjew għas-saċerdożju fl-artijiet tal-missjoni.

MISSION FUND

## Fit-Testment *tiegħi*

Qed inħalli miktub fit-testment tiegħi s-somma ta' **€**______________ b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin li hemm fil-missjoni.

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

Mis-17 sat-23 ta' Lulju 2015 (5 t'ijiem sħaħ)

"Lourdes, il-ferħ tal-Missjoni"

Inżuru: Lourdes fid-dettal, Pau, Gavarnie, St. Jean de Luz, Col d'Ibardin, Pont d'Espagne, Parc Animalier des Pyrenees u l-istabbiliment kummerċjali Auchan

**PREZZIJIET MINN €559**

Direttur Spiritwali: Fr Marcellino Micallef OFM
Għal aktar dettalji ċemplu l-uffiċċju fuq 21413664
jew lil Charles Decelis: 21575351/99885078





## ĠURNATA SQALLIJA

Is-Sibt 4 ta' Lulju 2015 (Tluq: 5.00am – Lura Malta: 11.15pm)

Inżuru: Pozzallo – waqfa qasira
Marzamemi – magħruf għall-ħut
Pachino – għat-tadam, għeneb u nbid
Modica – għaċ-ċikkulata
La Diga di S. Rosalia – għall-ikla ta' nofs in-nhar

**Prezz: € 155 (kollox inkluż)**
Tfal taħt l-14-il sena: € 125

Għal aktar dettalji ċemplu l-uffiċċju fuq 21413664
jew lil Charles Decelis: 21575351/99885078


“Agħtini nixrob”
Ġw 19, 28
MISSION
FUND